MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 384/2006

**RSM Malta Consulting Limited**

**Vs**

**Fibermar Services Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà RSM Malta Consulting Limited permezz ta' liema titlob li s-socjetà Fibermar Services Limited tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elfejn u hamsa u sittin Lira Maltija (Lm2,065), illum ekwivalenti ghal €4,810.16, rapprezentanti bilanc minnha dovut bhala prezz ta' servizzi professjonali rezi lilha minn RSM Malta Consulting Limited fuq ordnijiet taghha stess, liema ammont baqa' ma thallasx skond kif jirrizulta mill-fattura relattiva annessa mar-Rikors u markata Dok. "A", oltre l-imghaxijiet bir-rata ta' 8% mid-data tal-fattura sad-data ta' l-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat

kontestwalment mar-Rikors, kontra s-socjetà Fibermar Services Limited;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. “A” u Dok. “B” a fol. 2 u 3 tal-process;

Rat ir-Risposta tas-socjetà Fibermar Services Limited permezz ta’ liema topponi ghat-talba attrici u titlob li l-istess tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici stante li: (i) hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi s-servizzi rezi mis-socjetà attrici ma kienux tal-kwalità imwieghda; (ii) is-socjetà attrici ma rrendietx is-servizzi kollha minnha imwieghda ghall-hlas ta’ l-onorarju pretiz; u (iii) ma ghandha thallas xejn lis-socjetà attrici;

Semghet ix-xhieda ta’ Taddeo Scerri moghtija waqt is-seduta tat-30 ta’ Mejju 2007[1] u rat id-dokumenti esebiti minnu u markati Dok. “TS” sa’ Dok. “TS2” a fol. 19 sa’ 89 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ Maria Micallef moghtija waqt is-seduti tat-12 ta’ Gunju 2007[2], tas-6 ta’ Novembru 2007[3] u tas-7 ta’ Ottubru 2008[4], rat l-affidavits ta’ Saviour Buttigieg, Bonaventura sive Arthur Farrugia u Brian Spiteri esebiti mis-socjetà konvenuta permezz ta’ Nota pprezentata fil-11 ta’ Novembru 2008 markati Dok. “SB1”, Dok. “AF1” u Dok. “BS1” a fol. 114 sa’ 125 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ Sharon Camilleri[5] u Lawrence Pace[6] moghtija waqt is-seduti tat-30 ta’ April 2009 u tal-21 ta’ Ottubru 2010 u rat id-dokumenti minnhom rispettivament esebiti markati Dok. “SC1” sa’ Dok. “SC3” a fol. 133 sa’ 139 tal-process u Dok. “LP” a fol. 142 sa’ 149 tal-process, semghet ix-xieda ta’ Arthur Farrugia[7] u ta’ Brian Spiteri[8] moghtija waqt is-seduta tat-18 ta’ Jannar 2010, semghet ix-xhieda ta’ Saviour Buttigieg moghtija waqt is-seduta tat-8 ta’ Frar 2010[9];

---

[1] Fol. 14 sa’ 18 tal-process.
[2] Fol. 91 u 92 tal-process.
[3] Fol. 98 sa’ 103 tal-process.
[4] Fol. 109 sa’ 111 tal-process.
[5] Fol. 131 u 132 tal-process u fol. 179 u 180 tal-process.
[6] Fol. 140 u 141 tal-process u fol. 181 tal-process.
[7] Fol. 153 sa’ 157 tal-process.
[8] Fol. 158 sa’ 160 tal-process.
[9] Fol. 167 sa’ 172 tal-process.

Rat li b'Digriet datat 4 ta' April 2011 giet awtorizzata korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn mehtieg fl-atti fis-sens illi isem is-socjetà attrici jigi jaqra RSM Malta Consulting Limited;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici pprezentata fit-3 ta' Mejju 2011 a fol. 188 sa' 206 tal-process u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà konvenuta pprezentata fil-31 ta' Ottubru 2011 a fol. 206 sa' 213 tal-process;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' Lm2,065, illum ekwivalenti ghal €4,810.16, rapprezentanti bilanc dovut mis-socjetà konvenuta bhala prezz ta' servizzi professjonali rezi lilha mis-socjetà attrici fuq ordnijiet taghha stess, liema bilanc baqa' ma thallasx skond kif jirrizulta minn fattura annessa mar-Rikors promotur markata Dok. "A". Is-socjetà konvenuta tilqa' ghat-talba tas-socjetà attrici bl-eccezzjoni li t-talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex: (i) is-servizzi rezi mis-socjetà attrici ma kienux tal-kwalità imwieghda; (ii) is-socjetà attrici ma rrendietx is-servizzi kollha minnha imwieghda ghall-hlas ta' l-onorarju pretiz; u ghalhekk (iii) ma ghandha thallas xejn lis-socjetà attrici.

Is-socjetà attrici tibbaza t-talba taghha fil-konfront tas-socjetà konvenuta fuq il-*letter of engagement* datata 5 ta' Dicembru 2005[10] relattiva ghal *preparation of a three year Business Plan for Fibermar Group and financing proposal to be submitted to a local bank*, kif ahhjar dettaljat taht it-titolu *Scope of our Work,* versu l-hlas tas-somma komplessiva ta' Lm3,500, illum ekwivalenti ghal €8,152.80, eskluza l-VAT u *out of pocket expenses,* liema somma flimkien mal-VAT u *out of pocket expenses* kellha tithallas *50% half way through the assignment* u *50%*

[10] Dok. "TS1" a fol. 20 sa' 23 tal-process.

*upon completion of the assignment*. Taddeo Scerri[11], Direttur tas-socjetà attrici, xehed illi l-*Financing Proposal*[12] li s-socjetà tieghu kienet inkarigata biex thejji gie konkluz u hekk kif gie iffinalizzat inharget il-fattura ghall-hlas finali, konsistenti fil-bilanc ta' Lm1,750 bil-VAT relattiva ta' Lm315, ghas-somma komplessiva ta' Lm2,065.00[13], liema ammont però baqa' ma thallasx mis-socjetà konvenuta ghalkemm skontu qatt ma rcieva ebda ilment dwar ix-xoghol esegwit mis-socjetà tieghu.

Is-socjetà konvenuta issostni li hija ma hallsitx il-bilanc pretiz mis-socjetà attrici ghar-raguni li l-inkarigu lilha moghti ma giex esegwit skond kif imwieghed u lanqas irrendiet s-servizzi kollha imwieghda ghall-onorarju minnha pretiz. Is-socjetà konvenuta – tramite x-xhieda ta' Silvio Buttigieg, Arthur Farrugia u Brian Spiteri[14] - issostni wkoll illi l-inkarigu li s-socjetà attrici kellha twettaq kien in verità intiz a beneficcju ta' Silvio Buttigieg innifsu mhux tant a beneficcju tas-socjetà konvenuta bil-konsegwenza ghalhekk li minn dan l-ezercizzju kollu s-socjetà konvenuta ma iggwadanjat assolutament xejn. Fid-dawl ta' dan tikkontendi ghalhekk illi ebda hlas ma huwa minnha dovut lis-socjetà attrici.

Fir-rigward ta' l-inkarigu moghti lis-socjetà attrici – partikolarment dwar a beneficcju ta' min kellu jigi esegwit tali inkarigu – Silvio Buttigieg, Direttur fis-socjetà konvenuta, jghid illi *jiena nokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjetà Fibermar Services Limited. Nghid illi l-ishma f'din is-socjetà qeghdin kemm f'ismi, kif ukoll f'isem Arthur Farrugia – b'dan ta' l-ahhar jokkupa wkoll il-kariga ta' Managing Director. Izda nghid illi jiena ghandi diversi socjetajiet ohra fejn l-ishma taghhom jinstabu kollha f'ismi u cjoè li jiena l-uniku direttur taghhom. Gie zmien meta jiena xtaqt norganizza dawn id-diversi negozji tieghi u nottjeni facilità bankarja sabiex tghini nizviluppa l-operat tieghi. Jiena kont gejt irrakomandat inkellem lil Avanzia Consulting Limited sabiex huma jiehdu hsieb iressqu xi*

[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2007, fol. 14 sa' 18 tal-process.
[12] Dok. "TC2" a fol. 24 sa' 89 tal-process.
[13] Dok. "A" a fol. 2 tal-process.
[14] Affidavits Dok. "SB1", Dok. "AF1" u Dok. "BS1" a fol. 114 sa' 125 tal-process.

*proposti lill-banek lokali rigward din il-facilità bankarja. Jiena accettajt u iddecidejt illi naghmel dan billi deherli illi, ladarba dawn kienu esperti f'dan il-qasam, kien ikolli cans ahjar li nottjeni tali facilitajiet bankarji jekk imexxuli n-negozjati mal-banek huma stess. Jiena fil-fatt kont ghamilt kuntatt ma' Avanzia u sussegwenteent kienu saru diversi laqghet ma' din il-kumpanija fejn gejt mitlub nipprovdihom b'informazzjoni rigward il-kumpanniji tieghi – u cjoè dawk li fihom jiena kont l-uniku direttur – kif ukoll informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tieghi u tan-negozji tieghi kif kienet dak iz-zmien mal-bank HSBC. F'dawn il-laqghat gieli kien ikun hemm prezenti wkoll Brian Spiteri li kien jaghmilli certu xoghol ta' accounting fin-negozji tieghi. Wara li Avanzia ezaminaw l-informazzjoni li kont tajthom, huma qaluli illi ma kienux jaraw illi ghandu jkun hemm diffikultajiet sabiex il-Business Plan illi huma kienu ser jaghmlu fir-rigward ta' dawn in-negozji tieghi tigi accettata mill-bank. Naturalment jien kont ukoll infurmajt lil Avanzia bl-ishma illi jiena kelli fis-socjetà Fibermar Services Limited. Gara illi Avanzia issuggerew illi huma jibdew billi jressqu Business Plan proprju ghal Fibermar Group. Ghalkemm jiena kont avvicinajthom limitatament dwar in-negozji tieghi – u ghalhekk dwar negozji li ma kienu relatati bl-ebda mod mal-Fibermar Group – huma kienu spjegawli illi peress illi jiena kont qieghed noffri garanzija bankarja lil Fibermar Group, kien ikun jaqbel illi l-ewwel u qabel kollox jiccaqlaq l-operat ta' l-istess Fibermar minn ma' l-HSBC ghal ma' l-istess bank illi jiena kont ser nibda nopera mieghu biex b'hekk kemm in-negozji tieghi personali kif ukoll in-negozju tal-Fibermar Group ikun jinstabu ma' l-istess bank. Din hija r-raguni ghalfejn l-engagement letter tal-5 ta' Dicembru 2005 hija indirizzata lili. Jien infurmajt lil Arthur Farrugia, bhala l-Managing Director tal-Fibermar Group, b'dan is-suggeriment ta' Avanzia. Arthur Farrugia ikkonfermali li ma kellu l-ebda oggezzjoni sabiex icaqlaq il-Group Fibermar ghal ma' dak il-bank illi jiena kont ser nibda nopera mieghu. F'dan il-mument jiena kont hallast is-somma ta' Lm2,065.00, ekwivalenti illum ghal €4,810.16, lis-socjetà Avanzia sabiex din tibda x-xoghol fuq il-Business Plan tal-Fibermar*

*Group, bit-tama illi l-Business Plan tan-negozji tieghi ma ddumx ma titlesta wkoll*[15].

Arthur Farrugia, Direttur iehor fis-socjetà konvenuta, ukoll xehed illi *l-engagement letter tal-5 ta' Dicembru 2005 giet effettivament indirizzata lil Saviour Buttigieg bhala id-direttur l-iehor tas-socjetà Fibermar Services Limited. Irrid nghid illi effettivament Saviour Buttigieg jiggestixxi diversi negozji ohra li ma jiffurmawx parti mill-Group Fibermar. Dawn in-negozji huma relatati fost ohrajn ma' bini u kostruzzjoni, bejgh ta' proprjetà u transport ta' merkanzija. Fil-fatt din l-ittra hija indirizzata lil Saviour Buttigieg ghaliex kien proprju Saviour Buttigieg li kien avvicina lis-socjetà Avanzia l-ewwel darba. Dan kien ghamlu ghaliex huwa xtaq illi jinghata certu pariri minghand din is-socjetà – bil-possibilità li ssir ukoll Business Plan – rigward dawn id-diversi negozji l-ohra illi huwa kellu u cioè rigward dawk in-negozji li ma kienu relatati bl-ebda mod mal-Fibermar Group. Fil-fatt Saviour Buttigieg kien qalli illi huwa kien gie irrakomandat ikellem lis-socjetà Avanzia minn ufficjal tal-Bank of Valletta. Dan l-ufficjal kien issugerielu s-servizzi ta' Avanzia sabiex jghinuh jigbor id-diversi negozji illi huwa kien imexxi – bl-eskluzjoni ghalhekk ta' l-interessi tieghu fil-Group Fibermar – taht group wiehed. Naf illi dan effettivament kien ghamlu u li kien ukoll informa lil Avanzia bl-ishma illi huwa ghandu fil-Group Fibermar. Nghid illi kien f'dan l-istadju li Deo Scerri kien ta' l-parir lil Saviour Buttigieg sabiex – la darba huwa xtaq jigbor id-diversi negozji illi huwa kellu taht Group wiehed u jibda jopera ma' bank iehor bl-ghajnuna ta' Business Plan li kellha tigi ppreparata minn Avanzia u la darba huwa kien qieghed joffri garanziji bankarji lil Group Fibermar – huwa jcaqlaq il-Fibermar Group minn ma' l-HSBC ghal ma' l-istess bank li kien ser jibda joffri s-servizzi tieghu lil dawn in-negozji ta' l-istess Saviour Buttigieg. L-idea ta' Deo Scerri ghalhekk kienet illi n-negozji ta' Saviour Buttigieg u l-Fibermar Group jibdew joperaw ma' l-istess bank. Nikkonferma illi f'dan l-istadju ma kienx jezisti l-bzonn illi l-Fibermar Group icaqlaq l-operat tieghu ghal ma' bank iehor. Madanakollu, Deo Scerri kien issugerixxa proprju illi l-ewwel jiccaqlaq il-*

[15] Affidavit ta' Silvio Buttigieg, Dok. "SB1" a fol. 114 sa' 116 tal-process.

*Fibermar Group u sussegwentement jiccaqalqu d-diversi negozji ta' Saviour Buttigieg. Niftakar illi Saviour Buttigieg kien gie jkellimni fejn kien spjegali dan kollu u staqsieni jekk jiena kontx insib xi oggezzjoni li l-Group Fibermar jibda jopera ma' bank iehor u cjoè mhux aktar mal-bank HSBC. Ghalkemm kif già spjegat, ma kienx jezisti l-bzonn fih innifsu li l-Group Fibermar jaghmel dan il-pass, jiena kont ghedt lil Saviour Buttigieg illi ladarba s-socjetà Avanzia kienet taghtu dan il-parir, u ladarba dan il-pass kien ser jghinu sabiex jirnexxi fil-Business Plan li kellha eventwalment issir minn Avanzia rigward in-negozji tieghu, jiena ma kont insib l-ebda oggezzjoni. Niftakar ukoll illi jiena kont tkellimt dwar dan kollu mal-financial controller tal-Fibermar Group u cjoè Brian Spiteri u konna ftehmna sabiex niltaqghu ma' Deo Scerri sabiex niddiskutu din il-proposta tieghu. Effettivament Saviour Buttigieg kien ikkonferma lil Deo Scerri li l-Fibermar Group ma kienx issib oggezzjoni ghal-proposti li huwa kien ressaq u sussegwentement inharget l-engagement letter tal-5 ta' Dicembru 2005. Wara li nharget din l-ittra, ahna konna iltqajna ma' Deo Scerri fejn kien spjegalna illi sabiex huwa jkun jista' jipprepara l-Business Plan ta' Silvio Buttigieg u tan-negozji tieghu, huwa kellu bzonn illi l-ewwel jipprepara Business Plan ghal-Group Fibermar sabiex jiccaqlaq l-operat ta' dan il-Group ghal ma' Bank iehor. … Kif jirrizulta mill-engagement letter, il-mizata tas-socjetà Avanzia ghas-servizzi li gew imwieghda kienet ta' Lm4,130.00, inkluz il-VAT, ekwivalenti llum ghal €9,620.31. Nofs dan l-ammont u cjoè l-ammont ta' Lm2,065.00, ekwivalenti llum ghal €4,810.16 kien già thallas minn Saviour Buttigieg billi, kif già spjegajt, dan kien ezercizzju li kien intiz, principalment, sabiex jghin l-operat tan-negozji l-ohra ta' l-istess Saviour Buttigieg. Skond l-engagement letter ghalhekk kien ghad fadal bilanc dovut lis-socjetà Avanzia ta' €4,810.16. Niftakar illi wara li konna ircevejna dan il-kont, jiena kont cempilt lil Maria Micallef u infurmajta illi peress illi f'dan l-istadju kien jidher car illi Avanzia kienu qataw qalbhom mill-Business Plan illi huma stess kienu hejjew, u peress illi ma kienux provdewna bis-servizzi kollha li kienu gew imwieghda lilna fl-engagement letter, jiena kont tal-fehma illi ma kellix inhallas il-bilanc kif muri f'dan l-istess kont. Kont infurmajt*

*lil Maria Micallef ukoll illi jiena kont nippretendi illi Avanzia jirritornaw is-somma ta' €4,810.16 già mhallsa lilhom billi din il-Business Plan kienet saret unikament fuq il-parir ta' Deo Scerri bil-ghan illi tghin l-operat tan-negozji ta' Saviour Buttigieg*[16]*.*

Brian Spiteri, Financial Controller tas-socjetà konvenuta, ukoll jghid illi *kien hemm zmien meta Saviour Buttigieg xtaq jorganizza s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu u ghalhekk kien qieghed jikkonsidra s-servizz ta' xi kumpaniji ta' konsulenza finanzjarja sabiex jghinuh jaghmel dan. Dak iz-zmien Saviour Buttigieg kien juza s-servizzi tal-bank HSBC. Naf illi huwa kien ghamel kuntatt mas-socjetà Avanzia u sussegwentement avzani illi kellna nipprovduhom b'dik l-informazzjoni kollha li dawn setghu jitolbuna. Wara li saru diversi laqghat fejn kien ikun hemm prezenti jiena, Saviour Buttigieg u rapprezentanti tas-socjetà Avanzia, u wara li konna iddiskutejna diversi fatturi relatati mal-pass illi kien ser jaghmel l-istess Saviour Buttigieg, kien sar qbil sabiex is-socjetà Avanzia tigi inkarigata taghmel Business Plan sabiex din titressaq lil banek lokali bil-ghan illi din tghin is-sitwazzjoni finanzjarja u l-operat tan-negozji ta' Saviour Buttigieg. F'dan l-istadju Saviour Buttigieg kien naturalment informa lis-socjetà Avanzia wkoll bl-ishma illi huwa kellu gos-socjetà Fibermar Services Limited. Niftakar li Avanzia kienu tawna l-parir sabiex isiru zewg Business Plans. Kien gie suggerit bl-ghajnuna ta' l-ewwel Business Plan kellu jigi trasferit l-operat tal-Fibermar Group minn ma' l-HSBC ghal ma' bank iehor. Ir-raguni li ahna inghatajna kienet illi peress illi Saviour Buttigieg kien ser icaqlaq l-operat tieghu minn ma' l-HSBC biex b'hekk imur ma' bank iehor, u peress illi l-istess Saviour Buttigieg kien qieghed joffri garanziji bankarji lil Fibermar Group, kien ikun ghaqli illi jintuza bank wiehed ghal dawn iz-zewg negozji distinti. Skond il-parir ta' Avanzia, gialadarba jiccaqlaq l-operat tal-Fibermar Group, huma kienu ser ihejju Business Plan ohra sabiex jiccaqlaq l-operat ta' Saviour Buttigieg ghal ma' dak l-istess bank li jkun mar mieghu l-Group Fibermar. Ghalhekk, fit-tieni Business Plan, kellhom jigu*

[16] Affidavit ta' Arthur Farrugia, Dok. "AF1" a fol. 117 sa' 122 tal-process.

*ndirizzati l-bzonnijiet ta’ Silvio Buttigieg u tal-kumpaniji tieghu, li kien wara kollox l-ghan principali wara dan l-ezercizzju kollu. Niftakar illi jiena kont effettivament infurmajt kemm lil Avanzia kif ukoll lil Arthur Farrugia, Managing Director tas-socjetà Fibermar Services Limited, illi l-ewwel Business Plan kienet ta’ natura sekondarja billi l-Fibermar Group ma kellux ghalfejn icaqlaq l-operat tieghu minn ma’ l-HSBC. Dan ghaliex din l-ewwel Business Plan kienet ser issir limitatament sabiex tghin ir-rizutlat – illi kien qieghed jigi progettat mis-socjetà Avanzia – tat-tieni Business Plan u cjoè dik relatata unikament mad-diversi negozji ta’ Saviour Buttigieg. … Nghid illi ghalkemm Saviour Buttigieg kien effettivament hallas nofs il-mizata dovuta lis-socjetà Avanzia ghal Business Plan tal-Fibermar Group – li kif già spjegajt kienet saret unikament fuq parir ta’ l-istess Avanzia – ammontanti ghal Lm2,065.00, ekwivalenti ghal €4,810.16, il-bilanc rimanenti ta’ €4,810.16 ma thallasx. Dana gara minhabba r-ragunijiet hawn spjegati u cjoè ghax is-socjetà Avanzia naqset li tipprovdi servizz kif imwieghed. Nikkonkludi billi nghid illi s-socjetà Avanzia mhux talli ma waslitx biex ghenet lil Saviour Buttigieg jirranga is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu izda sahansitra abbandunat Business Plan li saret minnha u fuq il-parir taghha stess sabiex tghin lill-istess Saviour Buttigieg. Ghalhekk irrizulta illi anke dik il-parti tax-xoghlijiet illi effettivament saru minn Avanzia kif imwieghed fl-engagement letter saru inutilment[17].*

Dak affermat minn dawn it-tlett xhieda prodotti mis-socjetà konvenuta gie kontestat mis-socjetà attrici li tramite x-xhud Maria Micallef tikkontendi li ghalkemm gew diskussi l-kumpaniji ta’ Silvio Buttigieg personali, l-inkarigu taghha kien jittratta biss il-kumpaniji taht il-Fibermar Group u sar specifikatament a beneficcju ta’ l-istess Group u mhux bhala bazi ghal servizzi li kellhom jigu prestati a beneficcju ta’ Silvio Buttigieg personali u n-negozju tieghu.

F’dan ir-rigward Maria Micallef in kontro-ezami xehdet illi *jiena bdejt l-involviment tieghi f’din il-kwistjoni meta kellna laqgha l-ufficcju li ghaliha attendejt jiena, Deo Scerri l-*

[17] Affidavit ta’ Brian Spiteri, Dok. “BS1” a fol. 123 sa’ 125 tal-process.

*partner tieghi u Silvio Buttigieg min-naha ta' Fibermar Services. Bhala konsegwenza ta' din il-meeting saret il-'letter of engagment'. Qed jigi suggerit illi f'dik il-laqgha qed jigi diskuss is-sitwazzjoni tal-kumpaniji ta' Silvio Buttigieg wahdu. Nghid illi dana mhuwiex minnu. F'dik il-laqgha gew diskussi zewg gruppi ta' kumpaniji. Group minnhom fejn kien involut i-Sur Buttigieg flimkien ma' haddiehor li huwa l-Fibermar Group u l-group l-iehor kienu tal-kumpaniji ta' Silvio Buttigieg personali li kien barra l-iskop ta' l-assignment illi kellna dwar il-Fibermar. Silvio Buttigieg gie ghandna u ddiskutejna dawn iz-zewg gruppi u waqt dik il-laqgha imbaghad iddecidejna finalment li nikkoncentraw fuq il-Fibermar. Kien il-klijent Silvio Buttigieg illi ha din id-decizjoni. Is-Sur Buttigieg iddecieda li jikkoncentra fuq il-Fibermar peress illi qalilna li kellu xi ordnijiet u kellu bzonn financial backing sabiex iwettaq dawn l-ordnijiet, ghalhekk kien aktar urgenti ghalih li nikkoncentraw fuq is-socjetà Fibermar f'dak l-istadju. Fil-fatt fuq il-kumpaniji ta' Silvio Buttigieg personali ahna ma ghamilna l-ebda business plan u lanqas xoghol iehor ghas-semplici raguni li Buttigieg iddecieda li l-ewwel jimxi fuq Fibermar u mbaghad fuq il-kumpaniji personali tieghu. … Qed jigi suggerit illi s-Sur Buttigieg qalilna illi huwa kien avvicina l-HSBC ghall-problemi li kellu dwar il-kumpaniji personali. Nghid illi dana ma kienx il-kaz. Waqt dak il-meeting is-Sur Buttigieg kien ipprezentalna dawn iz-zewg gruppi ta' kumpaniji u kien iddecieda li huwa jmexxi fuq wahda minnhom u cioè Fibermar Group. Illum ma niftakarx jekk il-'letter of engagement' gietx iffirmata qabel jew wara il-laqgha li kellna ma' Arthur Farrugia. Ghal din il-laqgha kienu prezenti Arthur Farrugia, l-accountant tieghu Brian Spiteri, Silvio Buttigieg, u min-naha taghna kien hemm jiena, Deo Scerri u Patrizia Vella. F'din il-laqgha bazikament ergajna iddiskutejna dak li konna tkellimna fl-ewwel laqgha, però ghamilna lista tal-facilitajiet finanzjarji li kienu available fil-kumpaniji kollha, kemm dawk personali u kemm dawk tal-Fibermar Group. Però anke f'din it-tieni laqgha s-Sur Buttigieg kien iddecieda li jikkoncentra fuq il-Fibermar Group. Qed jigi suggerit illi f'dik il-laqgha Brian Spiteri kien qalilna illi dak li kien qed isir fuq il-Fibermar Group ma kien ser jiswa xejn, però kellu jservi biex iwitti t-triq ghall-kumpaniji personali*

*ta' Silvio Buttigieg. Nghid illi dan id-diskors ma niftakarx illi sar*[18]*. … Jiena ma nafx min l-ewwel avvcina l-kumpanija sabiex naghtu s-servizz taghna però nassumi li kien Silvio Buttigieg. Mistoqsija jekk dana talabniex ukoll biex naghmlu 'business plan' tal-kumpaniji privati tieghu nghid illi le. Ix-xoghol l-ewwel kellu jsir fuq il-group illi kellu 'trading companies' imbaghad wiehed kellu jiddeciedi wara li jsir dak ix-xoghol. Meta dhalt jien fix-xena s-sitwazzjoni kienet illi konna digà iddecidejna illi ahna nahdmu fuq il-grupp ta' kumpaniji illi kienu ta' Silvio Buttigieg ma' Arthur Farrugia. In fatti konna qed nahsbu proprju fuq dan il-group ghaliex kien hemm potenzjal li jkollok bizzejjed finanzi sabiex jitqieghed fuq saqajh, imbaghad minn hemm nistghu nikkunsidraw affarijiet ohra. Però id-decizjoni tkun tal-klijent fejn ghandna nikkoncentraw l-iktar u ghalhekk jiena nassumi li din kienet decizjoni ta' Silvio Buttigieg. Il-fees taghna jkopru s-servizzi kollha illi ahna semmejna fl-'engagement letter' taghna 5 ta' Dicembru 2005*[19]*.*

Jirrizulta evidenti li fuq din il-kwistjoni partikolari l-Qorti ghandha quddiemha zewg versjonijiet opposti ghal xulxin. Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Xuereb et v. Clement Gauci et, Appell Civili Nru. 290/01** deciza fl-24 ta' Marzu 2004, *huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: 1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u 2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima 'actore non probante reus absolvitur'. Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Maryanne Theuma" Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001. Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-*

---

[18] Xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru 2007, fol. 98 sa' 103 tal-process.
[19] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2008, fol. 109 sa' 111 tal-process.

*bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).*

Applikat dan l-insenjament ghall-kaz in ezami jirrizulta li dak allegat minn Silvio Buttigieg, Arthur Farrugia u Brian Spiteri dwar min effettivament kien se jibbenefika mis-servizzi tas-socjetà attrici – u cioè mhux tant il-Fibermar Group izda iktar Silvio Buttigieg personali – ma huwiex affattu kredibbli peress illi ma jirrizultax debitament sopportat mill-provi prodotti.

Jibda biex jigi osservat illi l-*letter of engagement* datata 5 ta' Dicembru 2005, li hija il-qofol ta' l-azzjoni odjerna in kwantu tifforma l-bazi tal-ftehim milhuq bejn is-socjetà attrici u s-socjetà konvenuta, ma taghmel l-ebda accenn – kif invece wiehed jippretendi li jsib fil-kuntest ta' cirkostanzi kif impingija mis-socjetà konvenuta - ghall-kumpaniji ta' Silvio Buttigieg personali u ghall-fatt li l-*Business Plan* formanti is-suggett ta' dik l-*letter of engagement* kien intiz bhala preparazzjoni ghal *Business Plan* rigwardanti s-socjetajiet ta' Silvio Buttigieg personali. Dik il-*letter of engagement* li tittratta appuntu dwar *preparation of a three year Business Plan for Fibermar Group and financing proposal to be submitted to a local bank*, taghmel referenza biss ghall-Fibermar Group li jikkonsisti fis-socjetajiet Fibermar Services Limited, Coloured Cement International Limited, Hermelock (Malta) Limited, Stencil Pave Limited u Fibermar Co. Ltd, u ghal ebda persuna jew socjetà ohra.

Is-socjetà konvenuta in oltre tipprova tissosstanzja dak minnha affermat billi tishaqq illi: (a) il-*letter of engagement* tal-5 ta' Dicembru 2005 giet specifikatament indirizzata lil Silvio Buttigieg; u li (b) il-hlas parzjali ta' Lm2,065 gie effettwat minn Silvio Buttigieg innifsu. Madanakollu però mill-provi jirrizulta li l-*letter of engagement* in kwistjoni giet indirizzata lil Silvio Buttigieg bhala Direttur tal-Fibermar Group u giet iffirmata minn Arthur Farrugia ghan-nom ta' Fibermar Services Group. Dawn iz-zewg elementi jirrizultaw mill-*letter of engagement* innifisha u mix-xhieda in kontro-ezami ta' Silvio Buttigieg waqt is-seduta tat-8 ta'

Frar 2010[20] fejn iddikjara li *qed nigi muri d-dokument minn fol. 20 sat-23 tal-process* (il-*letter of engagement* datata 5 ta' Dicembru 2005) *u b'referenza specifika ghal firma li tidher a fol. 23 tal-process nghid li din mhix il-firma tieghi, izda milli nista' nara hija l-firma ta' Arthur Farrugia.* Fir-rigward tal-hlas ta' Lm2,065 allegatament effettwat minn Silvio Buttigieg innifsu ma tressqet ebda prova li dan huwa fil-fatt minnu u lanqas giet prodotta xi ricevuta li turi li dan Silvio Buttigieg gie rikonoxxut mis-socjetà attrici bhala l-uniku dirett interessat f'din il-kwistjoni kollha.

In verità il-Qorti issibha difficili temmen li s-socjetajiet fil-Fibermar Group, li skond Silvio Buttigieg, Arthur Farrugia u Brian Spiteri ma kellhomx bzonn icaqalqu l-finanzjament taghhom minn ma' l-HSBC Bank ghal ma' bank iehor, accettaw li jidhlu fi ftehim li fost affarijiet ohra johloq l-obbligu tal-hlas lis-socjetà attrici tas-somma komplessiva ta' Lm3,500, oltre l-VAT u *out of pocket expenses*, biex fl-ahhar mill-ahhar jibbenefika Silvio Buttigieg personali u n-negozji gestitit minnu, u dana iktar u iktar meta minhabba l-istat finanzjarju ta' Silvio Buttigieg dawn ix-xhieda – iz-zewg Diretturi u Financial Controller tas-socjetà konvenuta – jidher li kellhom d-dubji taghhom kemm seta' jigi ottenut finanzjament minghand bank iehor[21] **u** minghajr ma l-Group kellu xi forma ta' ftehim apparti ma' Silvio Buttigieg biex l- ikun kopert ghall-hlasijiet qual' volta dovuti fl-eventwalità li l-facilità bankarja ma tigix koncessa, kif fil-fatt gara fil-kaz in ezami.

Ghalkemm is-socjetà konvenuta tikkontendi li l-facilità bankarja ma gietx ottenuta b'tort tas-socjetà attrici – tant illi ssostni li s-servizzi rezi mill-imsemmija socjetà ma kienux tal-kwalità imwieghda u li ma gewx prestati s-servizzi kollha imwieghda ghall-onorarju pretiz – din l-allegazzjoni wkoll ma gietx minnha sodisfacentement ippruvata.

Fir-rigward Silvio Buttigieg iddikjara li *jiena kont gejt akkompanjat minn Deo Scerri, Direttur tas-socjetà*

[20] Fol. 167 sa' 172 tal-process.

[21] Mistoqsijiet in kontro-ezami li saru lil Taddeo Scerri waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2007, fol. 14 sa' 18 tal-process.

*Avanzia, kemm ghand il-Bank of Valletta kif ukoll ghand il-Lombard Bank. F'dawn il-laqghat kienu gew diskussi xi proposti ta' refinancing ta' dawk is-socjetajiet u negozji li jiena kont l-uniku direttur taghhom. F'dawn il-laqghat ma kien issemma xejn dwar il-possibilitajiet ta' refinancing li ghandhom x'jaqsmu mal-Fibermar Group. Madanakollu, ghalkemm nikkonferma illi saru dawn il-laqghat jiena ghadni sal-gurnata tallum ma nafx abbazi ta' xiex Deo Scerri mexxa dawn il-laqghat billi jiena bqajt ma rcivejt l-ebda Business Plan rigward in-negozji tieghi. Nghid illi ghalkemm Deo Scerri kien weghdni li ser jibqa' jsegwi l-andament tan-negozjati, jiena bqajt ma smajtx minn ghandu ghal xi zmien. Meta kont cempiltlu, hu kien informani illi l-proposti illi huwa kien ghamel kienu gew irrifjutati. Dan kollu inghad lili verbalment u ghalhekk minghajr ma rcevejt xi forma ta' korrispondenza minghand l-istess Avanzia. Xi zmien wara jiena kont gejt infurmat minn Arthur Farrugia illi Business Plan li saret rigward il-Fibermar Group – fuq parir ta' Avanzia u bil-ghan illi jiffaccilitaw il-Business Plan sussegwenti li kellha ssir fir-rigward tan-negozji tieghi – kienet giet rifjutata mill-Bank of Valletta. Jiena kont effettivament hallast l-ammont ta' Lm2,065.00, ekwivalenti ghal €4,810.16, rapprezentanti nofs il-mizata dovuta kif gjà spjegajt. Madanakollu, il-bilanc rimanenti baqa' ma thallasx billi din il-Business Plan ma swietx l-iskop taghha u cjoè ma ghenet bl-ebda mod l-organizzazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja tieghi – li wara kollox kien l-ghan principali wara dan l-ezercizzju. Naghlaq billi nghid illi mhux talli dan l-ezercizzju kollu ma gwadanja minnu hadd – u cjoè la l-Fibermar Group u lanqas in-negozji tieghi – izda talli sahansitra Avanzia naqset milli tipprovdi s-servizzi kollha li hija weghdet fl-engagement letter tal-5 ta' Dicembru 2005. Dan ghaliex il-Business Plan tal-Group Fibermar tressaq biss quddiem il-Bank of Valletta u mhux quddiem banek ohrajn kif gie imwieghed. Barra minn hekk, ghalkemm is-socjetà Avanzia weghdet servizzi relatati ma' ristrutturar tal-Group Fibermar, tali servizzi baqghu qatt ma inghataw[22].*

[22] Affidavit ta' Silvio Buttigieg, Dok. "SB1" a fol. 114 sa' 116 tal-process.

Arthur Farrugia xehed illi *kif inhu effettivament indikat f'din l-engagement letter, l-ghan principali ta' din il-Business Plan kien li tintuza sabiex il-Fibermar Group ikun jista' jiehu facilitajiet bankarji minn banek ohrajn fosthom il-Lombard Bank u l-Bank of Valletta. Dawn il-facilitajiet, filwaqt li kellhom jiehdu post il-facilitajiet li l-Group già kellu mal-bank HSBC, kellhom ukoll jipprovdu finanzi godda sabiex il-Group ikun jista' jespandi l-operat tieghu. Il-Business Plan kellha tkopri ezercizzju mifrux fuq is-snin 2006 sa' 2008. … Meta gejna biex nipprezentaw din il-Business Plan, Deo Scerri kien staqsiena jekk konniex nafu xi ufficjal gewwa l-Bank of Valletta. Ahna konna sorprizi b'din il-mistoqsija billi sa' dak il-mument Deo Scerri kien minn dejjem taghna l-impressjoni li huwa kellu ic-channels tieghu li permezz taghhom huwa seta' jinnegozja mal-bank u javvanza l-Business Plan illi kienet effettivament saret mis-socjetà tieghu. Nghid illi madanakollu ahna konna indikajna Managar tal-fergha tal-Bank of Valletta ta' l-Imsdia, u cjoè lil Valerio Debono, u fil-fatt kienet saret laqgha ma' din il-persuna. Waqt din il-laqgha Valerio Debono kien infurmana illi Business Plan bhal din kellha titressaq direttament lill-head office ta' l-istess bank. F'dan l-istadju kien beda jidher bic-car illi Deo Scerri kien beda jhabbat wiccu ma' certu diffikultajiet. Niftakar ukoll illi hekk kif spiccat din il-laqgha Deo Scerri kien staqsiena jekk kellniex xi kuntatti gewwa l-head office! Wara li kien ilna ma nisimghu minn ghand Deo Scerri ghal ftit taz-zmien, anha konna gejna infurmati li huwa kien baghat il-Business Plan lil head office tal-Bank of Valletta. Ahna konna wkoll gejna infurmati illi xi ufficjali ta' l-istess Bank of Valletta kellhom jigu jaraw il-fabbrika tal-Fibermar Group li tinstab gewwa Corradino Industrial Estate. Niftakar li effettivament dawn l-ufficjali kienu gew u ahna konna urejnihom il-process tal-manifattura tas-socjetà Hermelock (Malta) Limited u tas-socjetà Coloured Cement International Limited. Wara din il-laqgha kien beda jidher illi kien ser ikun hemm xi diffikultajiet. Tant hu hekk illi xi ftit taz-zmien wara, Deo Scerri kien infurmana illi huwa xtaq jiltaqa' maghna gewwa l-ufficju tieghu. Niftakar li dakinhar ahna konna iddiskutejna xi punti teknici li kienu jirrigwardaw il-Business Plan u cjoè punti illi l-Bank of Valletta kien jidher li ma kienx sodifatt fuqhom.*

*Fil-fatt Deo Scerri kien talab sabiex il-financial controller taghna jipprepara ittra ta' twegiba ghal dawn id-diffikultajiet li kien qajjem il-Bank of Valletta. Jien kont urejt id-dizappunt tieghi f'dan ir-rigward billi kont tal-fehma illi l-Business Plan li preparaw Avanzia kellha tkun wahda professjonali u li tanticipa dawn id-diffikultajiet. Fil-fatt Deo Scerri ma tantx kien ha gost meta kont esprimejt ruhi f'dan is-sens. Niftakar illi huwa kien staqsieni jekk kontx nahseb illi Avanzia ma kienux qeghdin jaghmlu xogholhom sew. Jiena kont tlabt lil Deo Scerri jaghmel dik il-mistoqsija proprju lil Avanzia peress illi ahna konna accettajna s-servizzi taghhom bil-fehma illi huma esperti f'dan il-qasam. Din kienet l-ahhar darba li jien iltqajt ma' Deo Scerri. Madanakollu naf illi Deo Scerri kien baghat l-ittra ta' spjegazzjoni lil Bank of Valletta li kien inizjalment talab lil financial controller taghna sabiex jaghmel. Ma' din l-ittra kien ukoll ghemez xi informazzjoni li proprju kien tah il-financial controller tal-Fibermar Group. Ahna konna sussegwentement gejna infurmati illi l-Bak of Valletta kien irrifjuta l-Business Plan tas-socjetà Avanzia. Niftakar illi wara li kien ghadda xi zmien, jiena kont tkellimt ma' Saviour Buttigieg u staqsejtu jekk kellux xi informazzjoni dwar il-Business Plan tal-Fibermar Group li kellha effettivament u eventwalment twassal ghal Business Plan ohra li kellha ssir mill-istess Avanzia rigward in-negozji tieghu. Saviour Buttigieg kien infurmani illi Deo Scerri kellu jkellem Manager gewwa l-Lombard Bank bil-ghan li jressaq il-Business Plan tal-Fibermar Group ghall-konsiderazzjoni ta' dan il-bank. Nghid illi, wara li kont hallejt ftit taz-zmien jghaddi, jiena kont cempilt lil Avanzia u staqsejt ghal Deo Scerri. Billi kont gejt infurmat illi huwa kien imsiefer, jiena kont tkellimt mal-partner tieghu fis-socjetà Avanzia u cjoè ma' Maria Micallef. Niftakar illi jiena kont urejt id-disappunt tieghi ghal fatt illi kien ghadda hafna zmien u kien ghadu ma sar xejn. Hija kienet spjegatli illi, sa fejn kienet taf hi, Deo Scerri kien qieghed jiehu hsieb javvanza din il-Business Plan. Sussegwentement jiena kont gejt infurmat illi Deo Scerri kien ghad ma kellux risposta mill-Lombard bank peress illi l-Manager illi huwa kien kellem rigward din il-Business Plan qieghed bis-sick leave*. *… Kif jirrizulta mill-engagement letter, il-mizata tas-socjetà Avanzia ghas-*

*servizzi li gew imwieghda kienet ta’ Lm4,130.00, inkluz il-VAT, ekwivalenti llum ghal €9,620.31. Nofs dan l-ammont u cjoè l-ammont ta’ Lm2,065.00, ekwivalenti llum ghal €4,810.16 kien già thallas minn Saviour Buttigieg billi, kif già spjegajt, dan kien ezercizzju li kien intiz, principalment, sabiex jghin l-operat tan-negozji l-ohra ta’ l-istess Saviour Buttigieg. Skond l-engagement letter ghalhekk kien ghad fadal bilanc dovut lis-socjetà Avanzia ta’ €4,810.16. Niftakar illi wara li konna ircevejna dan il-kont, jiena kont cempilt lil Maria Micallef u infurmajta illi peress illi f’dan l-istadju kien jidher car illi Avanzia kienu qataw qalbhom mill-Business Plan illi huma stess kienu hejjew, u peress illi ma kienux provdewna bis-servizzi kollha li kienu gew imwieghda lilna fl-engagement letter, jiena kont tal-fehma illi ma kellix inhallas il-bilanc kif muri f’dan l-istess kont. Kont infurmajt lil Maria Micallef ukoll illi jiena kont nippretendi illi Avanzia jirritornaw is-somma ta’ €4,810.16 già mhallsa lilhom billi din il-Business Plan kienet saret unikamentfuq il-parir ta’ Deo Scerri bil-ghan illi tghin l-operat tan-negozji ta’ Saviour Buttigieg*[23].

Mix-xhieda appena citata huwa ferm evidenti li s-socjetà konvenuta torbot il-fatt li il-Fibermar Group ma ottjeniex facilitajiet bankarji minghand banek ohra mal-fatt li l-*Business Plan* imhejji mis-socjetà attrici ma giex accettat mill-banek. Il-Qorti tifhem li b’dan is-socjetà konvenuta tikkontendi li l-*Business Plan* in kwistjoni kien fih xi karenzi jew ma kienx adattat ghall-iskop li ghalih kien intiz, izda ghal xi raguni inspjegabbli s-socjetà konvenuta naqset milli tressaq rapprezentanti tal-Bank of Valletta u tal-Lombard Bank – li kienu l-banek ewelnin quddiem min kellu jitressaq il-*Business Plan* imhejji mis-socjetà attrici – biex jispjegaw ghaliex ma accettawx li jaghtu facilitajiet lill-Fibermar Group u b’mod partikolari biex jixhdu dwar il-validità o meno tal-*Business Plan* ipprezentat lilhom. Fin-nuqqas ta’ tali prova hekk determinanti u fondamentali l-Qorti difficilment tista’ temmen dak pretiz mis-socjetà konvenuta, u cioè li l-Fibermar Group ma giex koncess facilità bankarja mill-banek imsemmija ghaliex il-*Business*

[23] Affidavit ta’ Arthur Farrugia, Dok. “AF1” a fol. 117 sa’ 122 tal-process.

*Plan* imhejji mis-socjetà attrici ma kienx tal-kwalità imwieghda.

Mill-istess xhieda jirrizulta wkoll li s-socjetà konvenuta torbot l-obbligu tal-hlas lis-socjetà attrici ghas-servizzi minnha prestati ma' l-otteniment tal-facilitajiet bankjari u konsegwentement ghalhekk tippretendi li ladarba dawn il-facilitajiet ma inghatawx allura ebda hlas ma huwa dovut lis-socjetà attrici. F'tali rigward però u kif gustament osservat is-socjetà attrici fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, ma jirrizulta ebda ftehim bejnha u s-socjetà konvenuta li jekk il-Fibermar Group ma jottjenix facilitajiet bankarji mill-Bank of Valletta jew mill-Lombard Bank – li jigi ribadit kienu l-banek ewelnin quddiem min kellu jitressaq il-*Business Plan* imhejji mis-socjetà attrici – allura ebda hlas ma jkun dovut lill-istess socjetà attrici ghas-servizzi prestati minnha. Il-hlas kontemplat fil-*letter of engagement* tal-5 ta' Dicembru 2005 huwa marbut direttament mal-*preparation of the business plan and financing proposal* u xejn iktar minn hekk. Ghalhekk l-unika cirkostanza fejn is-socjetà konvenuta tkun gustifikata f'li tirrifjuta li thallas lis-socjetà attrici hija dik fejn is-socjetà attrici ma tkunx wettqet servizzi taghha skond il-kwalità imwieghda, cirkostanza din però li ma gietx debitament ippruvata mis-socjetà konvenuta.

Apparte l-fatt li s-socjetà konvenuta ma ressqitx rapprezentanti tal-Bank of Valletta u tal-Lombard Bank biex jispjegaw ghaliex ma accettawx li jaghtu facilitajiet bankarji lill-Fibermar Group u b'mod partikolari biex jixhdu dwar il-validità o meno tal-*Business Plan* ipprezentat lilhom, hemm numru ta' inkonsistenzi ohra li jirrizulta mill-provi prodotti li serjament jimpingu fuq il-fondatezza ta' dak allegat mis-socjetà konvenuta.

Il-*letter of engagement* tal-5 ta' Dicembru 2005 kienet tipprovdi li *a financing proposal that is to include a business plan for the period 2006 to 2008 is to be prepared for submission to Banks including Lombard Bank and Bank of Valletta*. B'dan il-Qorti tifhem li l-banek principali quddiem min kellu jitressaq il-*Business Plan* imhejji mis-socjetà attrici kienu l-Lombard Bank u l-Bank

of Valletta. F'tali rigward fl-affidavit tieghu Silvio Buttigieg jallega li s-socjetà attrici kienet ressqet il-*Business Plan* quddiem il-Bank of Valletta biss u mhux ukoll quddiem il-banek l-ohra, inkluz ghalhekk il-Lombard Bank. Madanakollu però in kontro-ezami huwa jikkontradici lilu nnifsu meta jghid illi jiftakar li huwa kien mar flimkien ma' Taddeo Scerri kemm il-Bank of Valletta kif ukoll il-Lombard Bank[24]. Arthur Farrugia stess jikkontradici dak inizjalment allegat minn Silvio Buttigieg meta fl-affidavit tieghu jghid illi Taddeo Scerri kien ressaq il-*Business Plan* quddiem il-Lombard Bank ghad illi baqa' bla risposta ghaliex il-persuna li kellha taghtih risposta dwar kien bis-*sick leave*.

Is-socjetà konvenuta tallega wkoll li s-socjetà attrici ma wettqitx is-servizzi kollha imwieghda ghaliex il-*Business Plan* imhejji minnha ma fih ebda rakkomandazzjoni dwar *restructuring*. Fir-rigward Arthur Farrugia iddikjara li *l-engagement letter taghmel referenza ghar-rakkomandazzjonijiet li s-socjetà Avanzia kellha taghmel sabiex jigi ristrutturat il-Fibermar Group u cjoè s-socjetà Fibermar Services Limited u il-kumpaniji sussidjarji taghha li semmejt aktar il-fuq. Fil-fatt fit-tieni paragrafu taht it-titolu "Scope of our work" wiehed isib illi s-socjetà Avanzia kienet wieghdet illi: "As part of this assignment we shall also make recommendations on how to best restructure the Group taking into consideration the current shareholders in each company, the need to separate holding from operating companies and the need to remove or minimize non trading and/or dormant companies". Nghid però li minn dan kollu ma kien sar xejn. Effettivament dan jirrizulta wkoll mill-Business Plan innifisha fejn wiehed ma jsib l-ebda referenza jew rakkomandazzjoni relatata ma' restructuring kif kien gie imwieghed lilna. Nikkonferma illi dawn it-tip ta' rakomandazzjonijiet min-naha tas-socjetà Avanzia baqghu qatt ma saru lil Group Fibermar. Billi l-hlas dovut mill-Group Fibermar li hemm indikat fl-istess engagement letter kellu effettivament jinkludi s-servizzi kollha li gew imwieghda fl-istess engagement letter, jiena tal-fehma illi*

[24] Xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Frar 2010, fol. 167 sa' 172 tal-process.

*s-socjetà Avanzia naqset milli tipprovdi tali parti sostanzjali mis-servizzi li hija stess wieghdet lil Fibermar Group*[25]*.*

Maria Micallef ghas-socjetà attrici però issostni li *l-'financing proposal' li kopja tieghu hemm a fol. 24 huwa dokument illi gie ppreparat biex jigi moghti lill-banek. M'intix ser issib ir-'restructing proposals' f'dak id-dokument. Dana kien permezz ta' parir li ahna tajna direttament lill-klijent fejn konna ssugerejnilu li jaghmel 'streamlining' tal-kumpaniji. X'ghamel però ma nafx*[26].

Meta jigi kkunsidrat u ezaminat il-paragrafu rilevanti taht l-intestatura *Scope of our work* fil-*letter of engagement* tal-5 ta' Dicembru 2005, ossia li *as part of this assignment we shall also make recommendations on how to best restructure the Group taking into consideration the current shareholders in each company, the need to separate holding from operating companies and the need to remove or minimise non trading and/or dormant companies,* jirrizulta car li l-interpretazzjoni li s-socjetà konvenuta qed taghti lil dak il-paragrafu hija ghal kollox zbaljata. Huwa evidenti li kif spjegat minn Maria Micallef ghas-socjetà attrici, ir-rakkomandazzjonijiet dwar *restructuring* tas-socjetatjiet fil-Fibermar Group isir lill-istess socjetajiet u mhux lill-banek fil-*Business Plan* imhejji ghall-fini ta' konsiderazzjoni dwar koncessjoni ta' facilitajiet bankarji. Ghalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti ma ssib ebda nuqqas da parte tas-socjetà attrici fit-twettiq ta' l-inkarigu taghha vis-à-vis is-socjetà konvenuta.

Dak li kellu jkun il-kontenut tal-*Business Plan* li s-socjetà attrici giet inkarigata biex thejji jinsab spjegat fl-istess *letter of engagement*: *the three year business plan that is to be prepared will include an outline of the companies making up the Group and the main financial highlights and current bank facilities of each. For each of the main trading companies within the Group the business plan will include details of their products and services,*

---

[25] Affidavit ta' Arthur Farrugia, Dok. "AF1" a fol. 117 sa' 122 tal-process.
[26] Xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2008, fol. 109 sa' 111 tal-process.

*manufacturing operation, marketing and sales strategies, financial analysis including projections and related risks and rewards. A financial model will be developed for each of the trading companies to facilitate the preparation of financial projections and sensitivity analysis. The financial projections will include profit and loss accounts, balance sheets and cash flows*[27].

Meta l-*Business Plan* attwalment imhejji mis-socjetà attrici – Dok. "TS2" a fol. 24 sa' 89 tal-process – jigi kkunsidrat fid-dawl tal-paragrafu appena citat jirrizulta li s-socjetà attrici effettivament hejjiet *Business Plan* kif minnha imwieghed u fin-nuqqas ta' prova konkreta u konklussiva li l-facilitajiet bankarji ma gewx ottenuti mill-Fibermar Group minhabba nuqqas da parte tas-socjetà attrici jew li l-imsemmi *Business Plan* ma kienx adattat ghall-iskop li ghalih kien intiz, il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn l-istess socjetà ma ghandhiex tithallas mis-socjetà konvenuta ghax-xoghol minnha esegwit favur taghha.

Jigi osservat ukoll illi s-socjetà konvenuta tikkontendi li l-inkarigu tas-socjetà attrici qatt ma seta' jaghti rizultat posittiv minhabba l-posizzjoni finanzjarja ta' Silvio Buttigieg u minhabba l-fatt li whud mis-socjetajiet fil-Fibermar Group kienu fir-*recoveries section* ta' l-HSBC Bank. Il-Qorti però difficilment tista' taghti kreditu lil din il-pretensjoni ghaliex in verità ma jaghmel ebda sens li socjetà kummercjali jew group ta' socjetajiet kummercjali jidhlu f'*commitment* ta' hlas tas-somma ta' Lm3,500, oltre l-VAT u *out of pocket expenses*, ghal ezercizzju li skonthom *a priori* kien destinat li jfalli.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk id-diversi allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet sollevati mis-socjetà konvenuta in opposizzjoni ghat-talba ghall-hlas tas-socjetà attrici huma kollha bla bazi u b'hekk ma jisthoqqx li jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-

[27] Dok. "TS1" a fol. 20 sa' 23 tal-process.

socjetà konvenuta, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ €4,810.16, ekwivalenti ghal Lm2,065, bl-imghax legali dekoribbli mill-31 ta’ Jannar 2006, id-data tal-fattura a fol. 2 tal-process, sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------